

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 848/2007****tat-18 ta' Lulju 2007****dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Lulju 2007 fil-qafas tal-kwoti tariffarji stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għal-laħam tat-tjur**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 ta' l-4 ta' Ġunju 2007 li jiftaħ u li jipprovdni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5),

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.
- (2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Lulju 2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 għal ċerti kwoti, ogħla mill-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi determinat sa liema

punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (3) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Lulju 2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 huma, għal ċerti kwoti, anqas mill-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet, dawn ta' l-aħħar għandhom jiżdiedu mal-kwantità fissa għas-subperjodu tal-kwota sussegwenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti skond ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 huma assen- jati skond il-koeffiċjenti ta' l-allokkazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 616/2007, li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008, huma stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

<sup>(3)</sup> ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.

## ANNEX

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Il-koeffiċjent ta' l-allokkazzjoni għall-applikazzjonijiet ta' liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa fil-perjodu mill-1.10.2007-31.12.2007 (f %)	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiġdiedu mas-subperjodu mill-1.1.2008-31.3.2008 (f kg)
1	09.4211	2,800279	—
2	09.4212	( <sup>1</sup> )	55 566 000
4	09.4214	31,987978	—
5	09.4215	58,665286	—
6	09.4216	( <sup>2</sup> )	3 179 763
7	09.4217	17,474248	—
8	09.4218	( <sup>2</sup> )	5 323 600

(<sup>1</sup>) Ma japplikax: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

(<sup>2</sup>) Ma japplikax: l-applikazzjonijiet huma anqas mill-kwantitajiet disponibbli.